**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

**2022/2008(INI)**

20.6.2022

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa aġġornata: l-allinjament tal-infiq mal-politika
(2022/2008(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maria da Graça Carvalho

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

***Strateġija industrijali ġdida fl-era ta' wara l-COVID***

1. Ifakkar li l-istrateġija industrijali l-ġdida ġiet aġġornata biex tirrifletti t-tagħlimiet mill-pandemija tal-COVID-19 u biex tagħti spinta lill-irkupru tas-suq uniku, u li din l-istrateġija se tkun kruċjali biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE billi jitwettqu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jiġi żgurat li s-suq uniku jkun mgħammar aħjar biex jiffaċċja kriżijiet futuri; ifakkar li sistema ta' governanza b'saħħitha u sistema diġitalizzata ta' sorveljanza tas-suq huma essenzjali sabiex jitnieda mill-ġdid u jiġi żgurat il-funzjonament xieraq u l-approfondiment tas-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni tiffoka fuq l-iżgurar li l-istrateġija industrijali tgħin biex jitneħħew l-ostakli mhux ġustifikati għas-suq uniku u tgħin biex jiġu evitati aktar frammentazzjoni u approċċi nazzjonali diverġenti, filwaqt li fl-istess ħin titqies il-ħtieġa li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur; ifakkar fl-importanza li jiġu eliminati l-burokrazija u l-ispejjeż eċċessivi għall-SMEs u l-mikrointrapriżi li joperaw fis-suq uniku;

2. Jenfasizza l-ħtieġa li l-politiki ewlenin tal-Unjoni jiġu kkunsidrati b'mod olistiku fi ħdan l-istrateġija industrijali, li għandu jkollha l-għan li tallinja l-istrumenti differenti u tkun integrata bis-sħiħ mal-inizjattivi eżistenti; jenfasizza wkoll li l-istrateġija industrijali trid tkun koerenti u trid tissalvagwardja u tiffavorixxi l-kompetittività industrijali fl-oqsma kollha tal-politika Ewropea, filwaqt li tiżgura wkoll il-protezzjoni tal-konsumatur u l-progress lejn l-objettivi ambjentali; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza li tinżamm u tiġi żviluppata aktar it-tmexxija Ewropea f'setturi strateġiċi, b'mod partikolari għal dawk is-setturi li wrew li huma essenzjali matul il-pandemija tal-COVID-19; jenfasizza li l-politika industrijali Ewropea għandha tkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha; jissottolinja l-importanza li jinżamm djalogu miftuħ mas-setturi industrijali kollha u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;

3. Ifakkar fir-restrizzjonijiet mhux koordinati li fixklu serjament il-funzjonament xieraq tas-suq intern matul il-pandemija u wasslu għal tfixkil kbir fil-ktajjen tal-provvista f'ħafna ekosistemi industrijali, b'mod partikolari fis-setturi tal-ikel u tal-farmaċewtika; f'dan ir-rigward, jissottolinja l-ħtieġa li jiġu evitati l-iżbilanċi fil-katina tal-provvista tal-ikel Ewropea u li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, u li tiġi garantita r-reżiljenza fir-rigward tal-produzzjoni farmaċewtika u medika; ifakkar ukoll li l-kontrolli fil-fruntieri u l-għeluq wasslu għal diffikultajiet għall-ħaddiema transfruntiera jew staġjonali u jissottolinja l-importanza tal-moviment mingħajr ostakli; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta t-tfixkil relatat mal-pandemija fil-ktajjen tal-valur transfruntiera peress li l-istrateġija industrijali trid tipprovdi t-tlestija tal-ktajjen tal-valur f'ċerti industriji biex tiġi promossa l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE;

4. Jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-istrateġija tal-UE għal tessuti sostenibbli u ċirkolari; ifakkar li l-industrija tat-tessuti qed tiffaċċja rkupru kajman mit-tnaqqis matul il-pandemija, peress li anke hi ġiet affettwata mir-rilokazzjoni kbira ta' siti ta' produzzjoni f'pajjiżi terzi; jissottolinja l-ħtieġa li l-SMEs jiġu mmirati bħala l-atturi

ewlenin fis-settur;

*L-istrateġija industrijali u s-sitwazzjoni fl-Ukrajna*

5. Jissottolinja li l-gwerra illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna żżid l-urġenza biex tinbena bażi ekonomika aktar reżiljenti, sostenibbli u robusta fl-UE u jitlesta s-suq uniku f'setturi industrijali u strateġiċi ewlenin; jissottolinja, f'dan il-kuntest, l-importanza tad-diversifikazzjoni tal-provvisti u l-prevenzjoni tad-dipendenza żejda f'oqsma bħall-enerġija, il-materja prima u l-prodotti kritiċi peress li dan jista' jwassal għal vulnerabbiltajiet u jnaqqas il-kapaċità tal-UE li taġixxi; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ Ewropew ikkoordinat fl-oqsma tal-produzzjoni tal-enerġija u l-infrastruttura tat-trasport (TEN-T) filwaqt li tittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi u tiġi promossa l-ekonomija ċirkolari, sabiex tissaħħaħ l-istrateġija industrijali;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw approċċ olistiku meta joħolqu inċentivi biex jappoġġjaw setturi industrijali strateġiċi u l-ktajjen tal-provvista tagħhom, bħall-ikel, il-farmaċewtika u oħrajn, li qed jiffaċċjaw żieda qawwija fl-ispejjeż tal-enerġija, tat-trasport u tal-materja prima minħabba l-gwerra attwali fl-Ukrajna; jistieden lill-Kummissjoni b'mod partikolari timplimenta strateġija dwar il-materja prima kritika u r-riżorsi meħtieġa għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali, id-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika; jappoġġja barra minn hekk miżuri ta' għajnuna mmirati għall-konsumaturi u l-kumpaniji vulnerabbli fil-kuntest industrijali b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi vulnerabbli, biex jittaffew l-agħar impatti ekonomiċi u soċjali tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija;

*It-tisħiħ ta' awtonomija strateġika miftuħa*

7. Itenni l-ħtieġa li tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa Ewropea billi jiġu indirizzati t-tfixkil u l-vulnerabbiltajiet tal-ktajjen tal-provvista u tiġi żgurata r-reżiljenza tagħhom u billi jsir investiment fil-ħiliet, il-kwalifiki professjonali, iċ-ċibersigurtà, l-infrastruttura diġitali, l-ekonomija tad-data u t-teknoloġiji ewlenin bħall-intelliġenza artifiċjali, il-5G u l-6G, il-mikroproċessuri u s-semikondutturi, il-batteriji, il-produzzjoni 3D, il-computing ta' prestazzjoni għolja u t-teknoloġiji kwantistiċi; jenfasizza l-urġenza li jiżdiedu t-teknoloġiji industrijali innovattivi rivoluzzjonarji madwar l-Unjoni, b'mod partikolari għall-industriji kritiċi intensivi fl-enerġija, anke bil-ħsieb li jingħalqu ċ-ċrieki tal-karbonju fil-ktajjen tal-valur tal-industriji intensivi fl-enerġija permezz tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tar-riżorsi; jinnota l-ħtieġa li jsir użu sħiħ mill-intelliġenza artifiċjali b'mod responsabbli; jissottolinja li anke ż-żoni rurali, remoti u ultraperiferiċi jridu jibbenefikaw minn dawn l-investimenti;

8. Jenfasizza l-importanza li tittejjeb id-disponibilità tad-data, filwaqt li jiġu rispettati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, u jirrakkomanda suq uniku għad-data biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp industrijali tal-UE, titrawwem l-innovazzjoni u jissaħħaħ is-suq uniku diġitali kollu kemm hu; jitlob lill-Kummissjoni taċċellera l-progress fl-inizjattivi kollha relatati mad-data, ittejjeb il-kondiviżjoni u l-iskambju tad-data, tappoġġja l-iżvilupp ta' spazji komuni Ewropej tad-data u trawwem il-ħolqien ta' infrastruttura Ewropea kondiviża; jemmen li l-UE għandha tikkoopera b'mod effettiv mas-sħab internazzjonali biex tikseb standards diġitali kompatibbli;

*Tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali*

9. Ifakkar li sabiex tinkiseb l-awtonomija strateġika miftuħa, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jridu jiġu aċċellerati madwar l-UE; jissottolinja d-distakk enormi fl-investiment fl-industriji tat-teknoloġija li jippermettu t-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika tas-soċjetà tagħna u jtenni l-ħtieġa li jissaħħu l-investimenti fit-teknoloġiji diġitali u ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Istati Membri, jappoġġjaw bis-sħiħ tali approċċ orizzontali, biex jiġi żgurat li l-Ewropa tibqa' mexxejja globali f'teknoloġiji abilitanti kruċjali;

10. Ifakkar li l-Patt Ekoloġiku jista' jinkiseb biss b'żieda fil-produzzjoni u fl-użu tal-enerġija rinnovabbli filwaqt li fl-istess ħin jirrikonoxxi l-importanza tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, li se jwasslu għal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja, u li jiġi żgurat aċċess suffiċjenti għal enerġija nadifa affordabbli, sigura u diversifikata sabiex titkompla t-tranżizzjoni ekoloġika tal-industrija Ewropea u l-kompetittività globali tagħha; barra minn hekk, jilqa' t-tnedija tal-Inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida fil-kuntest tal-istrateġija industrijali sabiex tiġi promossa u żviluppata s-sostenibilità, b'mod partikolari fir-rigward tas-setturi arkitettoniċi, tal-kostruzzjoni u tal-akkomodazzjoni, filwaqt li tiffoka wkoll fuq l-ippjanar u l-iżvilupp sostenibbli tal-bliet u tiżgura l-inklużjoni taċ-ċittadini Ewropej kollha;

11. Jissottolinja li l-istrateġija industrijali għandha tindirizza l-ostakli ewlenin għal żvilupp aktar mgħaġġel tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u żżid il-konsum sostenibbli, fost l-oħrajn billi jinstabu modi kif l-SMEs u l-produtturi tal-enerġija jiġu konnessi aħjar fis-sistema; jissottolinja li informazzjoni ambjentali affidabbli u verifikabbli, kif ukoll informazzjoni dwar id-durabilità u l-possibilità ta' tiswija tal-prodotti, huma kruċjali għat-trasformazzjoni tax-xejriet tal-konsum f'direzzjoni sostenibbli;

*It-tisħiħ tas-suq intern*

12. Jappella għat-tnedija mill-ġdid tal-istrateġija tas-suq uniku sabiex jiġi sfruttat aktar il-potenzjal tas-suq uniku billi jitnaqqsu l-approċċi regolatorji, tiġi adottata leġiżlazzjoni proporzjonata, jiġu modernizzati l-amministrazzjonijiet pubbliċi u jittaffew il-piżijiet burokratiċi għan-negozji, jingħelbu l-ostakli eżistenti għall-investiment sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità regolatorja, tiġi stimulata l-kompetizzjoni, tiġi ffavorita l-innovazzjoni mmexxija mis-suq u tiġi promossa l-UE bħala mexxejja dinjija fil-protezzjoni tal-konsumatur; jenfasizza li l-kompetittività industrijali tal-UE tiddependi fuq suq uniku li jiffunzjona bis-sħiħ u li jkun reżiljenti li jagħti benefiċċji lill-Istati Membri kollha u liċ-ċittadini tagħhom, b'mod partikolari billi jiffoka fuq id-drittijiet tal-konsumatur, kif ukoll il-ħtiġijiet tan-negozji, inklużi l-SMEs, il-mikrointrapriżi u n-negozji ġodda;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni bejniethom u mal-operaturi ekonomiċi u jużaw teknoloġiji ġodda għat-tneħħija ta' ostakli regolatorji u mhux regolatorji u piżijiet amministrattivi mhux ġustifikati fis-suq uniku, inkluż fis-servizzi; jenfasizza l-benefiċċji ekonomiċi tat-tlestija tas-suq uniku, filwaqt li jinnota b'mod partikolari l-istimi magħmula mill-Kummissjon li aktar titjib fis-suq uniku għall-prodotti industrijali jista' jiġġenera bejn EUR 183 biljun u EUR 269 biljun fis-sena, filwaqt li l-profitti minn integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tas-servizzi jistgħu jilħqu EUR 297 biljun fis-sena u dan waħdu jżid il-benefiċċji ekonomiċi minn 8-9 % għal

madwar 12 % tal-PDG addizzjonali[1];

14. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq Strument ta' Emerġenza tas-Suq Uniku ambizzjuż li jsaħħaħ ir-reżiljenza u jiżgura suq uniku li jiffunzjona tajjeb fi żminijiet ta' kriżi filwaqt li jiżviluppa wkoll miżuri b'saħħithom ta' tħejjija għall-kriżijiet mingħajr ma jimmina l-isforzi biex jiġu eliminati ostakli mhux ġustifikati fis-suq uniku; barra minn hekk jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb l-effikaċja tal-għodod ta' governanza eżistenti;

15. Ifakkar li, minbarra l-ekosistemi vertikali, huwa meħtieġ li jkun hemm approċċi orizzontali, bħal dawk dwar it-teknoloġiji abilitanti, u li l-ekosistema diġitali trid tiġi integrata mal-ekosistemi industrijali l-oħra kollha b'mod orizzontali; ifakkar li l-ekosistema tat-turiżmu ntlaqtet l-aktar matul il-pandemija, u diversi ekosistemi oħra wkoll qed jiffaċċjaw irkupru bil-mod, bħall-industrija tat-tessuti u l-industrija kulturali u kreattiva, filwaqt li l-ekosistema diġitali żiedet il-fatturat tagħha matul il-kriżi; jenfasizza l-importanza tal-istrateġija industrijali stabbilit mill-Istrateġija Industrijali u jinnota li fost il-ħames task forces li nħolqu, wieħed huwa direttament rilevanti għas-suq uniku u janalizza l-aspetti orizzontali tas-suq uniku u t-tneħħija tal-ostakli inġustifikati, u ieħor għandu enfasi speċifika fuq il-manifattura avvanzata bħala faċilitatur orizzontali għal firxa wiesgħa ta' ekosistemi;

16 Jissottolinja l-ħtieġa li fl-istrateġija industrijali tiġi inkluża l-industrija tal-logħob tal-azzard bħala waħda mill-industriji bl-ogħla potenzjal ta' żvilupp filwaqt li jfakkar li l-biċċa l-kbira tal-produtturi u l-iżviluppaturi tal-logħob mhumiex atturi Ewropej; jitlob li jkun hemm perkorsi ċari fil-livell Ewropew li jippermettu lill-industrija taċċellera u ssir mexxejja fis-settur;

*Il-promozzjoni tal-istandardizzazzjoni*

17. Jirrikonoxxi l-istrateġija Ewropea ta' standardizzazzjoni u jissottolinja li l-istandards armonizzati flimkien mal-innovazzjoni jistgħu jżidu l-benessri ekonomiku, soċjetali u ambjentali, inklużi s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u tal-ħaddiema; iqis li standards bi prestazzjoni tajba huma għalhekk essenzjali għal suq uniku li jiffunzjona tajjeb, is-sikurezza tal-prodotti, il-kompetittività globali u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-protezzjoni tal-konsumaturi; jissottolinja l-importanza tat-trasparenza u l-inklużività u li tiġi evitata burokrazija eċċessiva fl-istandardizzazzjoni; iqis li l-istrateġija ta' standardizzazzjoni għandu jkollha l-għan li tgħin biex ittejjeb l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-materjal u trawwem l-użu ta' riżorsi sekondarji;

18. Jisħaq li huwa kruċjali li l-istrateġija tal-istandardizzazzjoni tkompli tattira l-aħjar esperti, u jħeġġeġ approċċ aktar koordinat f'termini tal-istabbiliment ta' standards internazzjonali u li l-objettivi strateġiċi jiġu diskussi u maqbula bil-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti;

19. Jitlob proposti ambizzjużi tal-Kummissjoni dwar ir-riforma doganali li jmiss, inkluż dwar il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-kontrolli doganali fl-UE kollha jsegwu l-istess standards; jitlob riforma li tiżgura kummerċ miftuħ, ġust u sostenibbli u tipproteġi lill-konsumaturi kontra prodotti perikolużi u

[1] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Marzu 2022 bit-titolu "Lejn ekonomija ekoloġika, diġitali u reżiljenti: il-mudell ta' Tkabbir Ewropew Tagħna "(COM(2022)0083).

mhux konformi; jistieden lill-Kummissjoni tqis ir-"Rapport mill-Grupp ta' Persuni Għorrief dwar ir-Riforma tal-Unjoni Doganali tal-UE" għar-riforma tagħha[2];

*L-akkwist pubbliku u l-kompetittività tal-SMEs*

20. Jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs, tal-mikrointrapriżi u tal-industrija billi jiġu indirizzati r-riskji tal-provvista, id-dipendenzi, it-tfixkil u l-vulnerabbiltajiet, speċjalment fl-ekonomiji ekoloġiċi u diġitali; jenfasizza li qafas tal-akkwist pubbliku effettiv, miftuħ, ġust u kooperattiv flimkien mal-investiment pubbliku jista' jkollu rwol importanti fl-appoġġ tal-impjiegi, it-tkabbir sostenibbli, il-kompetittività, l-investimenti innovattivi u t-trawwim tal-konsum sostenibbli u l-użu ta' prodotti sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jaħdmu fuq l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li tirrifletti kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, sabiex jinħoloq suq uniku armonizzat u li jiffunzjona tajjeb; ifakkar fl-importanza tal-gwida tal-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku, li se tgħin l-isforzi tal-UE biex issir ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u se tgħin biex tistimula d-domanda għal prodotti u servizzi aktar sostenibbli filwaqt li trawwem ukoll l-ekoinnovazzjoni;

21. Ifakkar fl-importanza tal-linji gwida żviluppati mill-Kummissjoni li jagħtu indikazzjonijiet prattiċi dwar kif l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu miri ta' prestazzjoni u kriterji ta' kwalità, bħall-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża (MEAT), fil-kuntratti mogħtija permezz tal-akkwist pubbliku u kif tista' tiġi involuta aħjar il-pluralità ta' manifatturi, inklużi SMEs u mikrointrapriżi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw mill-qrib il-pożizzjoni tal-SMEs fir-rigward tal-parteċipazzjoni fl-akkwist pubbliku; jissottolinja l-importanza tal-SMEs għall-kompetittività u l-innovazzjoni fis-suq intern filwaqt li jirrikonoxxi l-pożizzjoni tagħhom bħala produtturi u wkoll bħala fornituri ta' servizzi industrijali lil manifatturi oħra; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-SMEs, il-mikrointrapriżi u n-negozji ġodda fit-titjib tal-aċċess għall-finanzjament filwaqt li tgħin biex jitnaqqsu l-akkwiżizzjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet ta' kumpaniji Ewropej, fejn tali akkwiżizzjonijiet jew akkwiżizzjonijiet jheddu l-innovazzjoni Ewropea, u tipprovdi gwida ċara dwar kif wieħed għandu jikkonforma mar-regoli settorjali tal-UE, fejn rilevanti;

22. Ifakkar fl-importanza ta' prattiki tal-akkwist pubbliku effettivi u sostenibbli, speċjalment fil-kuntest tal-ekosistema tas-saħħa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' regoli mmirati, rigward l-akkwist konġunt ta' oġġetti essenzjali bħall-mediċini, bil-għan li jiġu żgurati s-sostenibilità fit-tul, is-sigurtà tal-provvista, il-kompetizzjoni ġusta u l-investiment fil-kapaċitajiet tal-manifattura;

23. Ifakkar fl-importanza tar-regoli tal-kompetizzjoni adattati għal dinamiċi ġodda tas-suq tal-UE u għal kuntest globali li qed jinbidel biex tiġi garantita kompetizzjoni effettiva u ġusta fis-suq uniku u biex tissaħħaħ l-għażla tal-konsumaturi;

*Riċerka, innovazzjoni u teknoloġiji rivoluzzjonarji*

---

[2] "Inqiegħdu aktar Unjoni fid-Dwana Ewropea - Għaxar proposti biex l-Unjoni Doganali tal-UE tkun adattata għal Ewropa Ġeopolitika. Rapport mill-Grupp ta' Persuni Għorrief dwar ir-Riforma tal-Unjoni Doganali tal-UE", Brussell, Marzu 2022.

24. Ifakkar fl-impenji biex jiżdiedu l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp għal 3 % tal-PDG u biex tissaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka biex jiġi żviluppat suq uniku għar-riċerka u l-innovazzjoni; jilqa' l-istabbiliment ta' alleanzi industrijali f'setturi differenti u jenfasizza li alleanzi bħal dawn flimkien ma' sħubijiet pubbliċi-privati huma importanti għall-iżvilupp ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji; jenfasizza li żieda fl-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp hija neċessità assoluta jekk l-UE trid tibqa' kompetittiva; jissottolinja li l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp għandu jiffoka fuq is-setturi industrijali kollha, u mhux biss fuq is-settur tal-manifattura, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw parteċipazzjoni akbar tal-SMEs u l-mikrointrapriżi fis-suq tar-riċerka u l-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza, inklużività, konsistenza u sinerġija fl-inizjattivi, il-finanzjament u l-istrumenti regolatorji kollha li jappoġġjaw l-industrija, l-SMEs u l-mikrointrapriżi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa Żona Ewropea għall-Innovazzjoni li jkollha l-għan li tibdel ir-riżultati xjentifiċi fi prodotti kummerċjali, jappoġġjaw in-negozji ġodda u l-SMEs u jżommu n-negozji fi ħdan is-suq uniku tal-Unjoni;

25. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati l-inizjattivi mmirati lejn it-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni, bil-għan li jinbena suq intern Ewropew b'saħħtu għar-riċerka u l-innovazzjoni;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi linji gwida ċari, effettivi, sempliċi u komprensivi rigward l-istrumenti eżistenti li jenħtieġ li jindirizzaw il-prijoritajiet ta' politika f'diversi setturi industrijali, b'mod partikolari l-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni, id-diversi alleanzi (data industrijali, lanċjaturi spazjali, avjazzjoni b'emissjonijiet żero, batteriji u oħrajn), il-Konsorzji għal Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs), u oħrajn; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati s-sinerġiji t-tajba bejn l-istrumenti, il-programmi u l-fondi differenti, mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mill-ġdid sal-fondi strutturali, u jissottolinja l-ħtieġa li dawn jiġu integrati aħjar mal-impriżi konġunti u l-inizjattivi l-oħra derivati minn Orizzont Ewropa, bħall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni;

*Nagħtu spinta lill-ħiliet*

27. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa miżuri konkreti biex tappoġġja lill-Istati Membri fl-indirizzar tan-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet f'ċerti setturi filwaqt li tippromwovi wkoll kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti; jitlob l-ibbilanċjar mill-ġdid fi ħdan is-suq uniku tal-eżodu ta' talent, esperti teknoloġiċi u għarfien espert u għat-titjib tal-finanzjament għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku; barra minn hekk, jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva permezz tal-oqfsa nazzjonali tagħhom biex jimplimentaw kif xieraq il-Patt għall-Ħiliet u inizjattivi oħra tal-UE mmirati lejn il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet għall-forza tax-xogħol; ifakkar fl-importanza li jissaħħu l-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari biex jiġu żviluppati l-ħiliet meħtieġa biex jiġu appoġġjati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tas-suq uniku;

28. Jenfasizza l-ħtieġa ta' djalogu permanenti fost l-awtoritajiet rilevanti u l-operaturi ekonomiċi biex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tkun ippreparata aħjar għall-ħtiġijiet

industrijali l-ġodda; ifakkar li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tas-setturi industrijali jirrikjedu r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali ta' professjonisti b'ħiliet għolja u b'ħiliet għolja;

29. Jenfasizza li l-problema tan-nuqqas ta' nisa impjegati fis-settur industrijali tikkontribwixxi għad-differenza bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa; jitlob li tittieħed azzjoni fil-kuntest tal-istrateġija industrijali biex jiġu indirizzati d-disparità bejn il-ġeneri fl-industrija Ewropej u n-nuqqas ta' opportunitajiet għan-nisa, b'mod partikolari fl-oqsma STEM; ifakkar, barra minn hekk, li d-diġitalizzazzjoni tal-industrija tradizzjonali tista' twassal għall-ħolqien tal-impjiegi f'industriji ġodda, iżda tista' wkoll tfixkel l-impjiegi attwali u tista' twassal għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji f'ċerti każijiet; ifakkar li dawn l-isfidi jeħtieġu azzjoni u investiment finanzjarju xieraq fil-kuntest tal-istrateġija industrijali.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.6.2022 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 36<br>–: 0<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Andrea Caroppo, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Andrey Kovatchev, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Beata Mazurek, Leszek Miller, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Marco Campomenosi, Maria da Graça Carvalho, Geoffroy Didier, Malte Gallée, Karen Melchior, Tsvetelina Penkova, Antonio Maria Rinaldi, Marc Tarabella, Kosma Złotowski |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Nicola Beer, Rosanna Conte, Vlad Gheorghe, Ondřej Kovařík |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 36 | + |
|---|---|
| ECR | Adam Bielan, Beata Mazurek, Kosma Złotowski |
| PPE | Pablo Arias Echeverría, Andrea Caroppo, Maria da Graça Carvalho, Deirdre Clune, Geoffroy Didier, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Marion Walsmann |
| RENEW | Nicola Beer, Dita Charanzová, Vlad Gheorghe, Sandro Gozi, Ondřej Kovařík, Karen Melchior, Róża Thun und Hohenstein |
| S&D | Brando Benifei, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, René Repasi, Christel Schaldemose, Marc Tarabella |
| VERTS/ALE | Anna Cavazzini, Malte Gallée, Alexandra Geese, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 6 | 0 |
|---|---|
| ECR | Eugen Jurzyca |
| ID | Alessandra Basso, Marco Campomenosi, Rosanna Conte, Virginie Joron, Antonio Maria Rinaldi |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni